MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 2110/2003

**Untours Insurance Agents Limited (C5655) ghal Qatar Insurance Company, surrogati fid-drittijiet ta' Julian Borg u l-istess Julian Borg**

**Vs**

**Joseph Magro**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz ta' l-atturi, fejn talbu li t-Tribunal jiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident stradali li sehh f'H'Attard fit-22 ta' Frar, 2002 bejn il-vettura tal-marka Maruti li ggib in-numru ta' registrazzjoni DBB 486 proprjeta' ta' l-attur Julian Borg u l-vettura Toyota Tercel li ggib in-numru ta' registrazzjoni LCB 635 misjuqa mill-istess konvenut u jikkundannah ihallas in linea ta' danni, s-somma ta' elfejn, hames mija u erbgha u hamsin Euro u

sittax-il Euro cents (€2,554.16) - (Lm1,096.50c), kif gie ndikat b'digriet ta' dan it-Tribunal tal-1 t'Awissu, 2006.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali ai termini tal-Kap. 104 u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Avviz lill-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, billi l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma garax tort tieghu, izda gara tort ta' Jesmond Borg, l-assigurat tas-socjeta' attrici.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra x-xhieda ta' PS 977 Joseph Zammit li pprezenta l-iskizz ta' l-incident li sehh fit-22 ta' Frar, 2002 bejn il-vettura EAN 172 misjuqa minn Paul Mifsud, il-vettura DBB 486 misjuqa minn Jesmond Borg, u l-vettura LCB 635 misjuqa minn Joseph Magro.

Ra x-xhieda ta' l-attur Borg li dakinhar ta' l-incident kien qed isuq Gypsy Maruti bin-numru DBB 486. Jispjega li kien niezel mit-Triq tar-Rabat fid-direzzjoni ta' H'Attard.

Jghid li kien hemm trakk gej minn faccata u hasad il-*brake*, izda xorta sehh l-impatt. Jghid ukoll li wara din il-habta, giet vettura ohra misjuqa mill-konvenut u dahlet fuq il-vettura tieghu minn wara.

Jghid li ghal dan l-incident ma setax jiehu tort ghaliex kien wieqaf.
Fl-ahharnett jghid illi kien ghamel *claim* u kien hallas l-*excess*.

Ra x-xhieda tal-konvenut li jispjega li kien qed isuq il-vettura LCB 635 f'H'Attard u quddiemu kien hemm Maruti misjuqa mill-attur. Malli gew biex iduru, l-Maruti marret fuq is-*side* l-iehor tat-triq u hu ried jibqa' sejjer dritt. Jispjega li dak il-hin sehh l-impatt bejn il-Maruti u t-trakk u kien ma' l-impatt li l-Maruti daret ghal gol-vettura tieghu.

Bhala hsara hu kellu fil-kantuniera quddiem fuq in-naha tieghu, filwaqt li l-attur kellu hsara fuq il-kantuniera ta' wara tan-naha tax-xufier, kien hemm ghafsa fil-*bumper*. Effettivament jghid li l-hsara ma kienetx kbira, tant li kien hallasha hu personalment.

Dakinhar kienet ix-xita. Kien halla distanza minn mal-Maruti. Jghid li ma kellu l-ebda ntenzjoni li jaqbez lill-attur.

Ra x-xhieda ta' Mario Mifsud li ghandu l-kariga ta' *claims manager* mas-socjeta' attrici. Jghid li l-vettura ta' l-attur Julian Borg kienet assigurata maghhom bhala *full and comprehensive*. Jghid li meta saret il-*claim*, l-attur kien hallas l-*excess* ta' tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin Euro cents (€58.23) - (Lm25) u huma kienu gew surrogati fid-drittijiet tieghu. Jghid ukoll li kienu hallsu l-*loss of use*.

Ix-xhud jikkonferma li fuq quddiem il-hsara kienet tammonta ghal elfejn, mitejn u erbgha u ghoxrin Euro u hamsa u hamsin Euro cents (€2,224.55) - (Lm955).

Ra x-xhieda ta' Anthony Mizzi li kien gie mqabbad sabiex jaghmel *survey report* fuq Maruti per konsegwenza ta' incident li sehh fil-25 ta' Frar, 2002. Kien ghamel zewg rapporti. Wahda fuq il-hsarat li kien hemm fuq il-parti ta' quddiem, filwaqt li ghamel rapport iehor fuq il-hsarat fuq il-parti ta' wara li kienu minimi.

Ra x-xhieda ta' Henry Grech li jahdem fuq *claims* ma' Rausi Insurance Agency Limited u jikkonferma li l-vettura li ggib in-numru ta' registrazzjoni EAN 702 kienet assigurata maghhom. Jikkonferma wkoll li Untours kienu hallsu ghall-hsarat li graw fl-incident li sehh fi Frar, 2002. Jghid li l-ammont li kienu hallsu kien jammonta ghal elf, tmien mija u sittax-il Euro u wiehed u disghin Euro cents (€1,816.91) - (Lm780).

Ra x-xhieda ta' Paul Mifsud li huwa s-sid tal-vetura EAN 702 u jikkonferma li fit-22 ta' Frar, 2002 kien involut f'incident awtomobilistiku. Jispjega li hu kien qed jistenna wara zewg vetturi biex johorgu minn *side street* ghal gol-*main road*. Jispjega li mbaghad mid-direzzjoni opposta

gejja fid-direzzjoni taghhom kien hemm il-vettura Maruti li skiddjat u baqghet diehla ghal go fih.

Jikkonferma li hu kien hass daqqa wahda, li kienet pjuttost sostanzjali ghaliex lanqas kien hass il-pedala tal-gass.

Jikkonferma wkoll li s-socjeta' attrici kienet hallset il-hsarat, li kienu jammontaw ghal elf, tmien mija u sittax-il Euro u wiehed u disghin Euro cents (€1,816.91) - (Lm780). Jghid ukoll li wara li sehh l-incident ma setax johrog min-naha tieghu.

**Ikkunsidra**

Dan il-kaz effettivament jinvolvi incident bejn tlett vetturi. Il-vettura misjuqa mill-attur Julian Borg li ggib numru ta' registrazzjoni DBB 486 li skiddjat gol-vettura li ggib in-numru ta' registrazzjoni EAM 702, waqt li kien qed idur sabiex jidhol fi Triq il-Warda, H'Attard. Dan il-fatt m'hu kontradett minn l-ebda xhud.

Jirrizulta li dak il-hin li sehh l-incident kienet ix-xita u ghalhekk l-art kienet tizloq.

Per konsegwenza ta' dan l-incident gara li l-vettura li kienet tinstab wara l-vettura ta' l-attur Borg skiddjat ghal go fih u cjoe' l-istess vettura misjuqa mill-konvenut u li ggib in-numru ta' registrazzjoni LCB 635.

L-attur jinsisti li m'ghandu ebda tort u dan minhabba li hu kien habat u ghalhekk kien wieqaf meta dahal go fih il-konvenut. Il-verzjoni tal-konvenut hija li ghalkemm kien zamm id-distanza minn ma' l-attur, meta dan ta' l-ahhar habat ghal go vettura ohra, kien dar ghal fuqu u kien tard wisq sabiex jevitah.

Huwa minnu li l-attur ikkaguna incident li wassal ghall-incident iehor, pero', huwa minnu wkoll li l-konvenut kien jinsab wara l-attur u kien fid-dmir li juza d-diligenza ta' *bonus pater familias* waqt is-sewqan, cjoe' dik il-prudenza opportuna la darba kien qed isuq wara vettura ohra.

Fattur iehor kienet ix-xita li m'ghenitx l-avvenimenti kif graw, anzi pjuttost kienet ikkontribwiet ghall-incidenti u li kellha tittiehed in konsiderazzjoni mis-sewwieqa interessati inkluz il-konvenut.

Jirrizulta wkoll mill-hsarat, li m'humiex hsarat sostanzjali u li hadd mill-partijiet ma kien qed isuq b'xi velocita' eccessiva.

Ghalhekk dawn ic-circostanzi marbutin kollha flimkien iwasslu lit-Tribunal biex jiddeciedi li l-incident li sehh kien wiehed dovut ghan-negligenza kontributorja b'mod li r-responsabbilta' ghandha tinqassam bejn l-atturi u l-konvenut.  It-Tribunal huwa konvint li l-attur Borg ikkreja emergenza li pero' kienet evitabbli kieku l-konvenut kien qed izomm id-distanza necessarja tenut kont tac-cirkostanzi tat-triq dakinhar.

Jibqa' biss jigi deciz fuq il-hsarat.  Is-socjeta' attrici li giet surrogata fid-drittijiet ta' l-attur qed titlob elfejn, hames mija u erbgha u hamsin Euro u sittax-il Euro cents (€2,554.16) - (Lm1,096.50c).

Ghandu jigi osservat illi wara x-xhieda ta' Mario Mifsud in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, din ta' l-ahhar talbet awment fit-talba taghha u dan gie milqugh permezz ta' digriet ta' dan it-Tribunal datat 1 t'Awissu, 2006.

Madanakollu, t-Tribunal ihoss illi saret konfuzjoni shiha mis-socjeta' attrici, fis-sens li l-attur Julian Borg kien involut f'incident precedenti ghal dak li sehh bejn l-attur u l-konvenut u ghalhekk  l-ammont ta' elfejn, mitejn u erbgha u ghoxrin Euros u hamsa u hamsin Euro cents (€2,224.55) - (Lm955) jirreferi ghall-incident l-iehor u ghalhekk mhux il-mertu ta' din il-kawza.
Ghalhekk, it-Tribunal ser ikollu jiddeciedi fuq l-ammont ta' mitejn u disgha u tmenin Euro u sitta u sittin Euro cents (€289.66) - (Lm124.35c), kif kien originarjament gie mitlub.

Izda, minhabba li t-Tribunal ikkonkluda li r-responsabbilita' hija ta' l-attur Borg u l-konvenut, il-konvenut ghandu jhallas biss nofs dawn id-danni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jiddisponi mit-talbiet attrici billi jiddikjara li ghall-incident de quo huma tenuti responsabbli fi kwoti ugwali l-attur Borg u l-konvenut, jillikwida d-danni sofferti mill-attur Borg fl-ammont ta' mitejn u disgha u tmenin Euro u sitta u sittin Euro cents (€289.66) - (Lm124.35c) li minnhom il-konvenut qed jigi kkundanat ihallas lill-atturi n-nofs, cjoe' mija u wiehed u erbghin Euro u erbgha u tmenin Euro cents (€144.84) - (Lm62.18c). Il-kumplament tat-talba attrici, cjoe' ghall-bilanc qed tigi michuda. L-ispejjez tal-kawza jigu ssopportati kwantu ghad-dikjarazzjoni tar-responsabbilta' bejn il-partijiet fi kwoti ugwali cjoe' nofs kull wiehed, kwantu ghal quantum il-konvenut ibati kwint ta' l-ispejjes mentri l-kumplament ikunu a karigu ta' l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------